# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2017

**Kawża Nru: 12**

**Rikors Ġuramentat Nru: 386 / 09 JA**

**Philip u Doris konjuġi Muscat; u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2013 l-atti ġew trasfużi f'isem Alexander Muscat, Joseph Muscat u Marlene Fenech nee' Muscat bħala eredi universali tal-attur Philip Muscat li miet fil-mori tal-kawża.**

**vs**

**Carmel u Frida konjuġi Muscat; u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2014 l-atti ġew trasfużi f'isem l-istess Frida Muscat u bintha Tania Beirne Muscat *stante* li Carmelo Muscat miet fil-mori**

**tal-kawża; u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2015 l-istess atti tal-konvenut Carmelo Muscat ġew trasfużi wkoll f'isem Darlene Muscat; u**

**GBY Dispensing Chemists Limited għal kull interess li jista' jkollha.**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fil-21 ta' April 2009 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-atturi huma s-sidien tal-fond bla numru fi Triq Antonio Sciortino, fil-qalba ta' Ħaż-Żebbuġ, u liema fond kien inbena flimkien ma' oħrajn fis-sena 1961 mill-attur stess;

Illi wara illi tlesta l-bini madwar is-sena 1962 l-attur kien semma' l-fond "Nobel Pharmacy", u kien wellieh għal prezz nominali lil ħuh il-konvenut Carmel Muscat, u dana sabiex jiġġestixxi dan il-fond bħala spiżerija wara illi jottjeni d-debiti permessi u liċenzji, ħaġa illli l-attur kien inibit milli jagħmel *stante* illi kien jeżerċita l-professjoni ta' tabib;

Illi l-konvenut Muscat, li m'huwiex spiżjar u li dak iż-żmien kien jaħdem it-Tarzna kien fil-fatt ottjena l-liċenzja neċessarja mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak iż-żmien u beda jopera l-fond bħala spiżerija, ħaġa illi baqa' jagħmel sas-sena 2009.

Illi wara illi l-attur żamm il-kera bir-rata ta' ħamsa u erbgħin Lira (Lm45) fis-sena għal kważi għoxrin sena, din kienet żdiedet għal tmenin Lira (Lm80) fis-sena fis-snin tmenin, u kien biss fis-sena

2007 illi l-attur u l-konvenut ħuh ftiehmu illi tibda titħallas kera ogħla ta’ elf Lira (Lm1,000) fis-sena illi kellha togħla sa elfejn Lira (Lm2,000), ekwivalenti għal erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin Euro ċenteżmu (€4,658.75) mis-sena 2010 ’il quddiem.

Illi lejn l-aħħar tas-sena 2008, il-konvenut Muscat wera l-intenzjoni tiegħu illi jwarrab min-negozju u fil-fatt offra l-ispiżerija lil ħuh l-attur, iżda t-talba kienet għolja wisq u l-partijiet ma ftiehmux;

Illi l-konvenut Muscat imbagħad dahal fi ftehim sabiex ibiegħ il-liċenzja tal-ispiżerija lis-soċjetá konvenuta GBY Dispensing Chemists Limited, u sax-xahar ta’ Marzu, 2009 jirriżulta illi l-liċenzja in kwistjoni ġiet fil-fatt trasferita;

Illi s-soċjetá GBY Dispensing Chemists Limited qatt ma kellhom ħsieb li joperaw il-fond mikri bħala spiżerija, u b’hekk l-ispiżerija Nobel Pharmacy ingħalqet u s-soċjetá konvenuta GBY Dispensing Chemists Limited fetħu spiżerija oħra fil-lokalitá ta’ Ħaż-Żebbuġ abbażi tal-liċenzja trasferita lilha, liema spiżerija jisimha “Brown’s Pharmacy”;

Illi għalhekk bl-aġir tagħhom, il-konvenuti għamlu b’mod illi l-fond proprjeta’ tal-attur tilef it-tgawdija ta’ liċenzja ta’ spiżerija, liċenzja li għandha valur kbir, u li għaliha għaddiet somma sostanzjali bejn il-konvenuti;

Illi minħabba l-aġir tal-konvenuti, l-attur sofra danni konsistenti fil-fatt illi tilef l-avvjament tan-negozju in kwistjoni, u l-possibilita’ illi l-fond jerġa’ jinkera bħala spiżerija f’qalba ta’ belt popolata bħalma hija Ħaż-Żebbuġ, u dana *stante* illi l-Avviż Legali 81/2008 ma jippermettix illi tinfetaħ spiżerija oħra fil-lokalita` Ħaż-Żebbuġ, hekk kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok. ‘PM 8’;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, l-atturi jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Jiddikjaraw illi l-konvenuti jew min minnhom jaħtu għad-danni sofferti mill-atturi wara illi l-fond proprjetá tagħhom bl-isem "Nobel Pharmacy" fi Triq Antonio Sciortino, Zebbug ingħalaq, u l-liċenzja sabiex topera bħala spiżerija tneħħiet mill-konvenut Muscat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, okkorrendo bl-opra ta' periti nominati taht l-awtoritá ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex iħallsu dik is-somma ta' danni hekk illikwidata;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fl-4 ta' Settembru 2009 li permezz tagħha eċċepew:

Illi huwa kien kera mingħand ir-rikorrenti Philip Muscat il- fond imsejjaħ 'Scerri Store' fi Triq Antonio Sciortino f'Ħaż-Żebbuġ; fi Frar tal-1962, bħala maħżen.

Illi l-esponenti xi snin wara kien irnexxielu jakkwista l-permess meħtieġ biex fil-post lilu mikri jiftaħ spiżerija, li huwa semma' 'Nobel Pharmacy'. Dana sar dejjem bl-operat tal-esponenti mingħajr indħil tar-rikorrenti.

Illi sa mil-bidu nett l-esponenti dejjem kellu l-permess f'ismu (Dok 'PM1') u baqa' jagħmel hekk sa kemm baqa' jopera l-ispiżerija, sal-2009, mingħajr indħil tar-rikorrenti.

Illi l-esponenti kien regolarment iħallas il-kera lir-rikorrenti. Anki meta dan talab żieda fil-kera l-esponenti tahielu biex iżomm il-paċi bejn l-aħwa. L-aħħar talba ma ġietx aċċettata mill-esponenti peress li kienet esaġerata u peress li r-rikorrenti ma kellux il-permess tal-Bord tal-Kera.

Illi sadattant l-esponenti bdew joperaw minn Nobel Pharmacy *tramite* il-kumpanija kummerċjali "Tanyalene Medical and Beauty Limited" liema kumpanija hija proprjetá ta' Carmelo Muscat u martu Frida.

Illi l-esponenti kien wasal biex jirtira u ried li jieqaf min-negozju li kellu fin-'Nobel Pharmacy' u l-andament li kien irnexxielu jakkwista bix-xogħol u l-istinkar tiegħu matul is-snin.

Illi eventwalment l-esponenti ċeda l-liċenzja għan-Nobel Pharmacy lill-intimata ditta 'GBY Dispensing Chemist Limited' C22592.

Illi l-intimata ditta għażlet li ma tibqax topera mill-fond tar-rikorrenti u qatt ma daħlu f'xi ftehim ma' sid il-fond 'Scerri Store', r-rikorrenti, li kien jintuża mill-esponenti bħala spiżerija. Għalhekk l-esponenti *stante* li ma kellux aktar bżonn tal-fond għaddih lura lis-sid ir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti la kellu drittijiet fuq l-isem Nobel Pharmacy u lanqas fuq l-andament *"goodwill"* li rnexxielu jakkwista bil-ħidma tiegħu l-esponenti.

Illi l-esponenti bl-aġir tagħhom ma kkawżaw l-ebda dannu lir-rikorrenti u ma għamlux ħlief eżerċitaw id-drittijiet tagħhom fuq ħwejjiġhom.

Għaldaqstant l-intimati konjuġi Carmel u Frida Muscat qed jeċċepixxu bir-rispett:

1. Illi dak kollu li għamlu l-intimati kien biss eżerċizzju tad-drittijiet leġittimi tagħhom.

2. Illi konsegwentament huma ma kkawżaw l-ebda dannu lir-rikorrenti u ma għandhom iħallsu xejn lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetá konvenuta ppreżentata fil-11 ta' Diċembru 2009 fejn ġie eċċepit:

1. Illi preliminarjament ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u s-soċjetá konvenuta GBY Dispensing Chemists Limited, u dan kif ukoll dikjarat mir-rikorrenti innifishom;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal dak premess, mit-talbiet kif magħmula mir-rikorrenti, is-soċjetá attriċi GBY Dispensing Chemists Limited m'hijiex il-leġittimu kontradittur;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjetá esponenti tirrileva illi *ai termini* tal-ftehim datat 5 ta' Marzu 2009, li ġie konkluż bejn is-soċjetá esponenti u l-konvenut Carmel Muscat l-liċenzja biex topera spiżerija in kwistjoni ġiet

trasferita lis-soċjetá konvenuta GBY Dispensing Chemists Limited;

4. Illi in *ogni* każ il-Liċenzja *de quo* kienet esklussivament proprjeta' tal-konvenut Carmel Muscat u għaldaqstant huwa kien liberu illi jiddisponi minnha kif jixtieq;

5. Illi is-soċjetá esponenti tirrileva illi minn imkien ma jirriżulta li hemm konnessjoni bejn il-fond illi l-konvenut Carmel Muscat kien qiegħed jikri mingħand ir-rikorrenti senjatament dak bl-isem 'Nobel Pharmacy' fi Triq Sciortino Ħaż-Żebbuġ u l-liċenzja sabiex jopera spiżerija mixtrija mill-istess konvenut Muscat;

6. Illi *ai termini* tal-Avviz Legali 279/2007 kif emendat bl-Avviż Legali 81 tal-2008 li jirregola l-Liċenzji għall-Ispiżeriji, senjatament ir-regolament numru 6 jipprovdi illi *"Detentur ta' Liċenzja jista' japplika għal rilokazzjoni ta' spiżerija sakemm dik ir-rilokazzjoni ssir fl-istess Belt jew Raħal ..."* u l-Liġi telenka l-kriterji li jridu jiġu sodisfatti mill-fond il-ġdid sabiex tiġi approvata it-talba għal rilokazzjoni. Għalhekk jiġi sollevat illi l-liċenzja tinħareġ fuq il-persuna u mhux fuq il-fond li minnha topera l-ispiżerija;

7. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati wkoll *stante* illi ġjaladarba r-rilokazzjoni minn 'Nobel Pharmacy' għal fond bl-isem 'Brown's Pharmacy' saret skond il-kriterji stabbiliti fir-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji, il-Liċenzja *de quo* setgħat tiġi rilokata fuq il-fond il-ġdid ċjoe' dak proprjeta' tas-soċjetá esponenti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti illi qiegħdin minn issa jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjetá konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti;

Rat id-digriet tad-29 ta' Mejju 2009 fejn ġiet milqugħa t-talba odjerna tiġi mismugħa kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet **"Philip u Doris konjuġi Muscat vs Carmel u Frida konjuġi Muscat"** (Rikors Maħluf numru 385/2009JA).

Rat li l-kawża thalliet għas-sentenza għall-11 ta' Jannar 2017.

**Fatti**

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' danni allegatament sofferti mill-atturi wara li l-fond proprjeta' tagħhom bl-isem "Nobel Pharmacy", Triq Antonio Sciortino, Żebbuġ ingħalaq u l-liċenzja sabiex topera bħala spiżerija tneħħiet mill-konvenut, Muscat. L-atturi huma s-sidien tal-fond *de quo* u fis-sena 1962 inkera lil ħu l-attur, u ċjoe' lill-konvenut Carmelo Muscat għal għexieren ta' snin u l-*quantum* tal-kera żdied bi ftiehem bejn il-kontendenti. Iżda fis-sena 2009 jidher li bdew il-problemi. L-atturi jikkontendu illi l-konvenut naqas li jħallas l-kera kollha għas-sena 2009. *Inoltre* l-atturi jilmentaw illi f'Marzu 2009 il-konvenut għalaq l-ispiżerija fil-fond in kwistjoni u jallegaw għalhekk il-fond m'għandux qed jintuża għall-iskop li oriġinarjament ġie mikri lill-konvenut. Għalhekk kellha ssir din il-kawża għad-danni sofferti mill-atturi.

Illi in sostenn tat-teżi tagħhom l-atturi prezentaw affidavit tal-attur Philip Muscat (Dok 'PM9' a fol 37 fl-atti tal-kawża 386/09JA); xehdet Dr Patricia Vella Polidano (fol 31-33) u ġie esebit dokument

(DOK ‘PVB’ fol 26-30), xehed Alexander Muscat (a fol 34-37); u xehed Joseph Muscat (a fol 89-93).

**Eċċezzjonijiet**
Illi l-konvenuti eċċepew (a fol 13) in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti *stante* illi hija l-*quantum* tat-talba huwa ta’ elfejn erba’ mija tnejn u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€ 2,442.87); fit-tieni lok eċċepew il-pagament u fit-tielet lok eċċepew illi t-talba għal żgumbrament għandha tiġi miċħuda *stante* li l-morożita’ tal-ħlas tal-kera hija regolata mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta, u filwaqt li l-kompetenza hija tal-Kera, m’hemm l-ebda morożita’ fil-ħlas ta’ kera, la ta’ skadenza waħda u lanqas ta’ tnejn. Da parti tagħhom il-konvenuti esebew l-affidavit ta’ Alfrida Muscat (a fol 114 fl-atti tal-kawża 386/09 JA), xehdet in kontro-eżami (a fol 97); ġew preżentati kopji tar-riċevuti tal-kera (Dok. ‘CM1’ a fol 15-17); ġew preżentatati wkoll kopja tal-liċenzja lil Carmelo Muscat (Dok. ‘CM2’ a fol 18), ittra datata 9 ta’ Jannar 2009 (Dok. ‘CM3’ a fol 19) u affidavit tal-konvenut Carmelo Muscat (a fol 40-45); xehdet ukoll Maria Rosella Dalmas (a fol 47-57) u xehed rappreżentant tal-Bank of Valletta, Paul Borg (a fol 106).

Illi s-soċjetá konvenuta GBY Dispensing Chemists Limited eċċepiet prinċipalment illi ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u l-attur u għaldaqstant mhijiex il-leġittimu kontradittur.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**
Illi din il-Qorti tosserva illi għalkemm inizjalment l-atturi kienu se jippreżentaw prospett kif indikat fl-affidavit tal-attur [ara l-verbali tas-seduti miżmuma fit-23 ta’ Ġunju 2010 a fol 56 u fil-5 ta’ Marzu 2014 a fol 90] sussegwentement fil-verbal tas-16 ta’ Mejju 2014 [a fol 91], *“l-avukati ddikjaraw li jaqblu għalissa jinstemgħu l-provi u tingħata sentenza limitatament fuq l-ewwel talba attriċi.”* Għaldaqstant il-Qorti se tiffoka fuq l-ewwel talba, u ċjoe’ t-talba għad-danni meta l-ispiżerija ngħalqet u l-liċenzja sabiex topera

bħala spiżerija tneħħiet mill-konvenut. Il-pern tal-kawża odjerna għad-danni hija jekk l-attur għandux / kellux xi jedd fuq il-liċenzja għal spiżerija. Jidher mhux kontestat illi l-fatt illi l-liċenzja tappartjeni lill-konvenut Carmelo Micallef [Dok. 'A' a fol 27]. Da parti tiegħu l-attur bħala sid tal-fond *de quo* jammetti fl-affidavit tiegħu [a fol 38] illi:

*"Minħabba l-fatt li jien ma stajtx ikolli fuq ismi liċenzja ta' spiżerija, peress li kont tabib mediku, u anqas ma stajt napplika għall-istess liċenzja fuq isem marti Doris, li kienet u għadha tagħmel parti mill-interessi tiegħi ..."*

Illi l-bażi tal-pretensjoni għad-danni tal-atturi huwa li (a fol 37):

*"Ħija għamel dan it-trasferiment meta kien jaf li ma setax jagħmlu għax jiena ma tajtx il-kunsens għalih, u meta ftehim oriġinali ta' bejnietna kien kundizzjoni li l-liċenzja tal-farmaċija ma tiġix trasferita minn fuq ismu mingħajr l-approvazzjoni tiegħi. Aktar u aktar il-liċenzja ma kellhiex tiġi mneħħija minn fuq il-post li jiena kont bnejt apposta bl-iskop speċifiku li jkolli spiżerija u klinika hemmhekk."*

Illi s-soċjetá konvenuta ma jidhrilhiex illi għandha x'taqsam mal-kontestazzjoni u hija estraneja għat-talba għad-danni odjerna għaliex hija nnegozjat esklussivament mal-konvenut Carmelo Muscat. Il-konvenuti Carmelo Muscat[1] u Alfrida Muscat[2] fl-

[1] *"Dan ma hux minnu xejn għax jiena qatt ma kelli xi rbit simili ma hija r-rikorrenti. Anzi ngħid li lejh ma kelli l-ebda obbligazzjoni la legali u lanqas morali għax dak kollu li rnexxieli nagħmel jien għamiltu kollu bil-hija tiegħi, bħal meta l-1969 kont ħadt il-warrant mingħand il-Gvernatur Dorman biex inkun assistent spiżjar. Anki ta' din qed nesebixxi kopja biex tkun taf il-Qortili jiena kont li applikajt ruħi sewwa f'dan in-negozju u ma għandi l-ebda obbligazzjoni lejn ħadd. Sar kollox bis-sagrifiċċji tiegħi u ta' marti Frida." (fol 41)*

[2] *"Żewġi fetaħ l-ispiżerija il-għaliex deherlu li kien hemm lok għal spiżerija fl-inħawi ... Żewġi kien rama' l-ispiżerija u beda jġib il-mediċinali mingħand il-grossisti. Ħuh qatt ma ndaħallu dwar dawn l-*

affidavits rispettivi tagħhom it-tnejn jinnegaw li kien hemm xi ftehim mal-attur fuq il-liċenzja. Il-fatt illi r-rikjesta oriġinali sabiex tinħareġ il-liċenzja mertu tal-kawża saret mill-konvenut, Carmelo Muscat ġie kkonfermat minn Dr Particia Vella Bonnano fil-kapaċita' tagħha ta' Kap Eżekuttiv tal-Awtoritá dwar il-Mediċina waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2010(a fol 48). Semmai jidher mhux ikkontestat illi l-liċenzja ġiet offruta lill-atturi (affidavit tal-attur[3] u tat-tifel tiegħu, Alexander Muscat[4]). L-atturi rrifjutaw l-offerta għall-akkwist tal-liċenzja appartenenti lill-konvenuti għaliex fi kliemhom din kienet esaġerata. Minn hawn tinbet id-domanda: "kif l-atturi kkunsidraw jixtru liċenzja li allegatament kienet tagħhom?" L-argument tal-atturi ma jreġġix. Ma teżisti l-ebda skrittura f'dan is-sens u l-attur ma kkawtelax id-drittijiet pretiżi minnu b'waħda mill-mekkaniżmu permissibbli skont il-ligi – *inoltre* bħala stat ta' fatt u skont il-ligi l-attur kien prekluż milli jkollu tali liċenzja minħabba n-natura tal-professjoni tiegħu.

Illi fid-dawl tan-nuqqas ta' provi skjetti u konvinċenti *da parte* tal-atturi jiġi mfakkar illi huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza illi fil-kamp ċivili għandu jkun l-attur illi jikkonvinċi moralment lill-Qorti, billi jipprova dak illi qiegħed jgħid, u dan *in linea* mal-massimu *"qui allegat probat".*

---

*affarijiet. Kif għedt kien jopera permezz ta' kumpannija kummerċjali, kien iżomm il-kontijiet kollha huwa u kellu l-'accountant' u l-awdituri tiegħu. Ħuh Philip qatt ma kellu x'jaqsam ma' dawn. La qatt ħadem għad-ditta ta' żewġi, la qatt ħallas xi flus għalih u qatt ma daħħal xi fondi minn l-ispiżerija tiegħu." (fol 116)*

3 *"Jew inkella li jitrasferixxi l-liċenzja fuq uliedi jew in-neputijiet. Hawnhekk bdew il-problemi. Dan talab liż-żewġt itfal tiegħi, Alex u Joseph, kumpens ta' 60,000 liri Maltin. Barra minn hekk ried ukoll ħlas addizzjonali għall-istokk u l-għamara." (fol 40).*

4 *"Li huwa s-Sur Carmelo Muscat … Jiena x'ħin mort inkellmu hemmhekk talabni ammont ta' flus, jekk minhiex sejjer żball talabni xi sittin elf lira Maltin għal-liċenzja, talabni wkoll għoxrin elf lira Maltin għal vetrini u ovvjament biex nilħqu ftehim fuq l-istokk, li nieħdu l-liċenzja aħna … Ukoll is-somma ta' għoxrin elf lira li talabni għal vetrini kienet eċċessiva ħafna…" (fol 52)*

Illi fi kliem ieħor jekk il-Qorti qed tittituba dwar lil min għandha temmen, isegwi illi l-attur naqas milli jressaq provi sabiex jikkonvinċi lill-Qorti dwar it-talbiet tiegħu u konsegwentament il-kawża tal-attur tfalli. Dan il-prinċipju jsib konfort f'diversi sentenzi mirqumim fosthom is-segwenti, fejn per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **"Martin Mifsud et vs Marika Almerigo"**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' April 2013, il-Qorti qalet hekk:

*"Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur tal-artikolu 562 tal-Kap 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Illi fid-deċiżjoni bl-ismijiet **"Joseph Żammit vs Joseph Hili"** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar is-27 ta' Ġunju 1953, il-Qorti rriteniet illi:

*"Ma hux dubitat li r-regola ġenerali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat."*

Illi għalhekk fil-kamp ċivili element neċessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bażi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tiegħu. Mhux neċessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Illi bl-istess mod, fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **"Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri"** nhar il-31 ta' Mejju 1972 intqal illi:

*"Jekk l-attur ma jġibx din il-prova, l-azzjoni tiegħu ma tistax ikollha eżitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – għaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-inċident ikun ġara b'tort tal-atturi).*

*Illi huwa għalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni."*

Illi fl-aħħar nett ssir referenza partikolari għas-sentenza ismijiet **"Frank Giordimaina Medici et vs William Rizzo et"** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 t'April 2014, fejn il-Qorti sostniet:

*"... li huwa principju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi lill-konvenuti in bażi għal prinċipju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**